27 ta' Marzu, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Hilda Degabriele** *versus* **Rogantino Degabriele**

## Separazzjoni Personali — Tfal — Aċċess ta' l-Omm għal Uliedha.

*Għalkemm is-separazzjoni "di fatto" hu stat li ma hux rikonoxxut mil-liġi, dan hu veru fis-sens illi bi stat simili ma jistgħux jiġu alterati r-relazzjonijiet bejn il-konjuġi stess, u mhux anki fis-sens illi t-tribunal ma jistax jagħti provvedimenti dwar it-tfal.*

*Il-provvedimenti tat-tribunal dwar it-tfal, anki f'każ ta' sempliċi separazzjoni "di fatto", jirrigwardaw interess publiku fdat lill-awtorità ġudizzjarja, li meta tagħti provvedimenti simili, b'daqshekk ma tkunx qiegħda tissanziona l-istat anormali tas-separazzjoni.*

*Huwa veru li l-missier, sakemm huwa vestit bil-patrija potestà fuq uliedu, għandu b'liġi s-setgħa li jiddiriġi l-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, u huwa veru wkoll illi l-interess tat-tfal u l-vantaġġ tagħhom huma r-regola primarja; imma dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom jiġu konċiljati max-xewqa u d-dritt ta' l-omm "ex jure naturae" li tara l-uliedha.*

*Għaldaqstant, sakemm it-talba ta' l-omm hija limitata għall-aċċess għat-tfal, u mhux ukoll biex teħodhom għandha, il-Qorti ma għandhiex bżonn tidħol fl-indaġini tal-kondotta morali ta' l-omm, sakemm ma jiġix pruvat li anki dak l-aċċess ta' l-omm, kif regolat mill-Qorti, ikun ta' ħsara lit-tfal.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet illi hija tinsab separata mill-konvenut, u illi t-tfal Antoinette, Francis u Evelyn, li għandhom l-età ta' 13, 9 u 7 snin rispettivament, jinsabu għand il-konvenut, li qiegħed jirrifjutalha li tarahom non ostante interpellazzjoni uffiċjali li saritlu għal dan il-fini; u talbet li jiġu minn dina l-Qorti stabbiliti l-granet, il-ħin u l-post fejn hija tkun tista' tara lill-imsemmija wliedha, u anki li jiġu fissati xi granet fejn hija tkun tista' teħu lill-im-

semmuja wliedha għal bin raġjonevoli taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Qorti jogħġobha tistabbilixxi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' *Jannar* 1946 u tar-rikors preżentat fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' *Jannar* 1946;

*Omissis;*

Irrifflettiet;

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi lill-attriċi ma ġiex mogħti mill-konvenut ebda aċċess lit-tfal komuni li qegħdin miegħu. Hi talbitu dan l-aċċess, iżda hu ċaħadulha (ara verbal fol. 9);

Illi għalkemm is-separazzjoni "di fatto" hu stat li ma hux rikonoxxut mill-liġi, dan hu veru fis-sens illi bi stat simili ma jistgħux jiġu alterati r-relazzjonijiet bejn il-konjuġi stess (Appell "Mallia Tabone utrinque", 16. VI. 1909), u mhux anki fis-sens illi t-tribunal ma jistax jagħti provvedimenti dwar it-tfal. Infatti dawn il-provvedimenti jistgħu jingħataw b'liġi fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni, meta żgur li ma jkunx għad hemm ebda separazzjoni ġudizzjali; u minbarra hekk, kif sewwa jingħad f'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Lucca, 16 ta' Settembru 1881, "*Dal Borgo utrinque*" (Fadda, Comm. art. 154 u 155 tal-Kodiċi Taljan, paragrafu 109), anki f'każ ta' sempliċi separazzjoni "di fatto" l-provvedimenti tat-tribunal dwar it-tfal jirrigwardaw interess publiku fdat lill-awtorità ġudizzjarja, li meta tagħti provvedimenti simili b'daqshekk ma tkunx *qiegħda tissanzjona* l-istat anormali tas-separazzjoni. *Del resto* mhux l-ewwel darba li l-Qrati Tagħna taw dispożizzjonijiet dwar t-tfal, anki meta ma kienx hemm ebda separazzjoni ġudizzjali. Hekk, per eżempju, fil-kawża "*Lawless utrinque*", l-attriċi kienet għall-ewwel ippreponiet żewġ domandi, waħda biex tkun awtorizzata tgħix mifruda minn żewġha, u l-oħra biex jingħata provvediment fis-sens li l-kustodja tat-tifla komuni tiġi mogħtija lilha. In segwitu, però, l-attriċi ċediet l-ewwel domanda, u baqgħet biss it-tieni waħda dwar it-tifla. Intant din il-Qorti, sedenti allura l-Imħallef Dr. Antonio Micallef, b'deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Diċembru 1858, tat il-provvediment mitlub, avvolja ma kienetx aktar investita b'ebda domanda ta' separazzjoni ġudizzjali;

Illi dak li huwa importanti hu illi wieħed iqis li, sakemm

ma hemmx sentenza in kuntrarju, il-missier, bhala nvestit mill-patrija potestà, ghandu l-jedd li jiddirigi l-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, u ghalhekk, fil-konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ ma ghandhiex tintesa din is-setgha. Hu anki fondamentali illi fi provvedimenti simili l-interess u l-vantaġġ tat-tfal jikkostitwixxu b'ligi, dejjem skrupolożament imharsa fil-gurisprudenza, ir-regola primarja; b'dana kollu dawn il-konsiderazzjonijiet jistghu, u ghandhom, jigu konċiljati max-xewqa u d-dritt ta' l-omm "ex jure naturae" li tara l-uliedha;

Ikkunsidrat;

Illi originarjament it-talba kienet tikkonsisti f'żewġ partijiet—talba ghas-sempliċi aċċess lill-uliedha bil-fissazzjoni tal-granet, hin u post, u talba sabiex tiehu t-tfal ghandha fi granet li jigu fissati. Din it-talba giet però ritirata (ara verbal fol. 9); imma l-konvenut anki ghat-tieni talba kif issa limitata baqa' jopponi;

Illi k'eku l-attriċi ppersistiet li titlob mhux biss l-aċċess, imma anki li tiehu t-tfal ghandha, allura kien ikun mehtieg illi din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-kondotta morali ta' l-attriċi, kif sollevata mill-konvenut; ghaliex ma kienx ikun konvenjenti, jew rakkomandabili, illi hi tiehu t-tfal ghandha ghal żmien, jekk il-kondotta taghha ma hijiex rassikuranti kif jallega l-konvenut. Imma meta hi issa qieghda titlob biss l-aċċess, regolabili mill-Qorti, allura ma hemmx bżonn li l-Qorti taghmel din l-indagini, u l-konvenut ma ghandux ragun li jopponi; ghaliex anki wara s-separazzjoni gudizzjalment pronunzjata, u wara li t-tfal jigu fdati bhala regola lill-konjugi innoċenti, il-Qorti taghti aċċess ghat-tfal lill-konjugi li bi htija tieghu giet pronunzjata s-separazzjoni—almenu taghtih dan l-aċċess sakemm ma jigix pruvat li anki l-aċċess kif regolat mill-Qorti qieghed jirreka hsara lit-tfal;

Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjeż;

*Omissis;*

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tipprovvedi fis-sens li tiddikjara li l-attriċi ghandha dritt li tara t-tfal imsemmijin fiċ-ċitazzjoni darba fil-gimgha, u tibqa' maghhom żmien siegha, fl-istazzjon tal-Pulizija ta' Ka-

żal Pawla............ L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-reġistru bin-nofs.